*... pajjiżi barranin ma rikan stqarr li qatt fil-bosta żjajjar tiegħu lil hass fil-ftit jiem li hass is-seħer ta' l-istorja jaħkmu daqskemm dam f'Malta; u dan bir-raġun kollu għax f'din il-Gżira l-preistorja u l-istorja tal-bieraħ u tal-lum ifawru minn kull rokna u kull naħa tal-pajjiż.*

*Imma min jiġi hawn ma jiġix għall-istudju ta' l-istorja biss; min jiġi jżurna jkun jixtieq jitgħallem ukoll dwar il-ħajja tagħna, il-Gvern, is-snajja', l-industrji, il-kultura u kulma għandu x'jaqsam mal-progress soċjali u morali, kif ukoll mal-prosperità tal-pajjiż.*

*Id-Delegati ħarġu kollha kuntenti bil-miġja tagħhom hawn. Waħda mid-Delegati Kanadiżi kitbet (*) li ż-żjara tagħha f'Malta kienet għaliha* "a tremendous experience". *Dan lilna jiswielna ta' ġid kbir għax is-surmastrijiet huma f'pożizzjoni li jagħmlu propaganda mhux biss għaż-żmien tal-lum, iżda wkoll għall-ġejjieni, billi huma jgħallmu t-tfal, ifissrulhom fuq Malta u hekk inisslulhom ix-xewqa li jżuru din il-Gżira meta jikbru.*

*B'hekk Malta tissemma u tikseb isem ta' importanza fil-mappa tad-dinja u dan għandu mnejn jirrendi lil Malta dak il-post li jixirqilha fir-relazzjonijiet internazzjonali; għax jekk in-nazzjonijiet jaħslu jagħarfu x'issarraf Malta, għandhom mnejn jibdew jaħsbu fiha u jagħżluha għal-laqgħat ta' bejniethom.*

*Din il-Gżira tagħna hi adattata wisq għal dawn il-Kongressi u laqgħat Internazzjonali. Il-pożizzjoni tagħha fil-qalba tal-Mediterran fejn jiltaqgħu ċ-ċiviltajiet qodma u moderni, fejn jinħassu l-kulturi tal-Lvant u tal-Punent; il-popolazzjoni tagħha ħawtiela u mogħnija bi klassijiet soċjali, attivitajiet u industrji li jżewqu l-ħajja tal-lum; il-qagħda tagħha milħuqa mill-pajjiżi kollha; dawn kollha jagħmlu lill-Gżira tagħna post li ftit hawn bħalu biex jilqa' fi ħdanu Rappreżentanti u Delegati ta' kull xorta ta' Organizzazzjonijiet minn kull naħa tad-dinja.*

*Nittamaw li dan il-Kongress tas-Surmastrijiet li rnexxa tant tajjeb, jiġbed oħrajn warajh. Aħna min-naħa tagħna għandna nħabirku biex lill-barranin li jiġu jżuruna nilqgħuhom bil-qalb u bil-ħlewwa li tistħoqqilhom u b'hekk nieħdu sehem fis-suċċessi ta' dawk il-laqgħat u fil-ġid li jisfa' minnhom.*

---

* "The Hamilton Spectator" tal-Kanada, fil-ħarġa tiegħu tas-7 ta' Awissu, 1951.



# INNU TAS-SOĊJETA' TAD-DUTRINA NISRANIJA — M.U.S.E.U.M.

*Ta'* DUN KARM

Bl-istandard tas-Salib ġewwa idejna
B'qalbna mħeġġa bil-kliem ta' Ġesù,
Hawn inġbarna u bil-fehma tennejna
Illi tagħna s-Sultan ikun Hu.

Biex ir-ruħ tal-Qdusija tkun fina
U fil-kotra ta' wlied il-Feddej,
Ma' kulħadd nagħmlu qalbna ħanina
Waqt li nħabbru x-xewqat tal-Mulej.

Taħt il-ħarsa tal-Battista,
Taħt is-sejf ta' San Mikiel,
B'daħket Ommna fuq għajnejna,
Ma jbeżżagħna l-ebda xkiel.

F'ġabra siekta, għaqlija, bis-sabar
Ir-rġiel taħdem għad-Dawl tas-Smewwiet;
Fit-triqat, ġewwa l-knejjes tinġabar
Taħt is-satra maltija x-xebbiet:

Sew jekk Sliem jidħak ħelu madwarna,
Sew jekk iebes jolqotna t-tmasħir,
Dejjem wieħed il-ħsieb ġewwa darna:
Ħobb u agħder, m'hemmx għani u fqir.

Taħt il-ħarsa tal-Battista, eċċ.

U kif Kristu kien jgħannaq b'imħabba
Lit-tfal ċkejkna mill-ħtija safjin,
U jgħallimhom kif fihom titrabba
Xewqa sħiħa li jibqgħu tajbin,

Hekk kull wieħed li jidħol qalbieni
F'din il-Għaqda li 'l Kristu biss trid,
Jagħmel wegħda li qatt ma jkun hieni
Jekk għat-tfal ma jkunx sienja ta' Ġid.

Taħt il-ħarsa tal-Battista, eċċ.